

Brussell, 12 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8639/21

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0113(COD)

TRANS 272
CODEC 673

RAPPORT

| | |
|------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/ Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | ST 8379/21 + COR 1 |
| Nru dok. Cion: | ST 9669/17 + ADD 1-4 |
| Suġġett: | Tħejjija tal-laqgħa tal-Kunsill (<u>Trasport</u>, Telekomunikazzjoni u Enerġija) tat-3 ta' Ġunju 2021 Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq – Approċċ ġenerali |

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha biex temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq f' Mejju 2017 bħala parti mill-Pakkett dwar il-Mobbiltà I.
2. Id-Direttiva 2006/1/KE tikkodifika r-regoli preċedenti u tipprevedi livell minimu ta' ftuħ tas-suq għall-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq bejn l-Istati Membri, kemm għall-impriżi stabbiliti fit-territorji tagħhom kif ukoll għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor. Madankollu, id-Direttiva:

- tippermetti lil Stat Membru li jirrestrinġi l-użu ta' vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fit-territorju tiegħu għal dawk li huma rreġistrati f'dak l-Istat Membru, u barra minn hekk tippermetti l-projbizzjoni tal-użu ta' vetturi mikrija b'massa mgħobbija totali permissibbli ta' aktar minn sitt tunnelli għal operazzjonijiet proprji ta' trasport;
 - hi limitata, fir-rigward ta' impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor, għall-kiri ta' vetturi rreġistrati f'dak l-istess Stat Membru għall-iskop ta' traffiku bejn l-Istati Membri.
3. Il-Kummissjoni tippromovi li tiġi emendata d-Direttiva 2006/1/KE prinċipalment biex jitneħħew ir-restrizzjonijiet eżistenti u jiġi stabbilit qafas regolatorju uniformi u ċar, fejn l-operaturi tat-trasport fl-UE kollha jingħataw aċċess indaqs għas-suq għall-vetturi mikrija.
 4. Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) tal-Parlament Ewropew ħatar lis-Sa Cláudia Monteiro de Aguiar (PPE, PT) bħala rapporteur. Il-Kumitat TRAN ivvota dwar ir-rapport tagħha fl-24 ta' Mejju 2018, u l-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, li fiha 15-il emenda, fil-15 ta' Jannar 2019¹.
 5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Regġuni adottaw l-opinjonijiet tagħhom fis-6 ta' Diċembru 2017 u fl-1 ta' Frar 2018, rispettivament.

II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

6. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha, flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt, lill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fl-1 u fil-21 ta' Ġunju 2017. Il-grupp ta' ħidma mbagħad iltaqa' regolarment taħt il-Presidenza Estonjana, Rumena, Bulgara u Kroata. F'diversi okkażjonijiet, il-fajl ġie ppreżentat lill-Kunsill bil-għan ta' approċċ ġenerali, u f'Ġunju 2020 lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti bil-għan ta' mandat għan-negozjati.

¹ Ara d-dok. ST 5386/19.

7. Il-membri tal-grupp ta' ħidma komplew il-ħidma tagħhom taħt il-Presidenza Portugiża f'laqgħat informali fid-9 u l-24 ta' Frar, id-9 u l-24 ta' Marzu, u d-19 ta' April 2021. Il-Presidenza ssuġġeriet xi emendi għat-test ta' kompromess, b'mod partikolari fl-Artikolu 3(2) u l-premessi 5 u 6 tad-Direttiva emendata, li jippermettu lil Stat Membru jillimita l-użu ta' vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fit-territorju tiegħu stess, kif ukoll fl-Artikolu 3a(3) tad-Direttiva emendata u l-Artikolu 2 tad-Direttiva emendatorja li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' għodod ta' kontroll u ż-żmien għat-traspożizzjoni għall-Istati Membri.
8. Il-bieċa l-kbira tad-delegazzjonijiet appoġġaw il-bidliet proposti u jistgħu jaċċettaw, bħala kompromess, it-test kif rivedut maż-żmien. Xi wħud minnhom għadhom imħassba dwar l-impatti negattivi possibbli fuq id-dħul tal-istat. Xi delegazzjonijiet ma jappoġġawx il-proposta, xi wħud minnhom bl-intenzjoni li jastjenu fil-proċess ulterjuri, b'mod partikolari peress li jqisu li d-Direttiva riveduta żżid ir-riskju ta' operazzjonijiet moħbija ta' kabotaġġ illegali.
9. Fit-28 ta' April 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta gwida għal ħidma ulterjuri, filwaqt li rrikonoxxa l-appoġġ ġenerali għat-triq 'il quddiem proposta mill-Presidenza. Wara dan, il-Presidenza ċċirkolat test ta' kompromess aġġustat ulterjorment², li huwa l-istess kif jinsab fl-anness għal dan ir-rapport. L-ebda delegazzjoni ma għamlet kummenti addizzjonali.

III. KONKLUŻJONI

10. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-kompromess milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma u jibgħat it-test rivedut tal-proposta tal-Kummissjoni, kif jinsab fl-anness, lill-Kunsill għall-qbil tiegħu dwar approċċ ġenerali.

² Ara d-dok. 8379/21 + COR 1.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁴,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ tipprevedi livell minimu ta' fuħ tas-suq għall-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport tal-merkanzija bit-triq.

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU C , , p. .

⁵ Id-Direttiva 2006/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (verżjoni kodifikata) (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 82).

- (2) L-użu ta' vetturi mikrija jista' jnaqqas l-ispejjeż ta' impriżi li jittrasportaw merkanzija f'isimhom jew fisem ħaddieħor, u fl-istess ħin iżid il-flessibilità operattiva. Għalhekk, dan jista' jagħti kontribut biex tiżdied il-produttività u l-kompetittività tal-impriżi kkonċernati. Barra minn hekk, peress li hemm it-tendenza li l-vetturi mikrija jkunu inqas antiki mill-flotta medja, dawn ukoll ikunu aktar sikuri u jniġġsu inqas.
- (3) Id-Direttiva 2006/1/KE ma tippermettix li l-impriżi jibbenefikaw bis-sħiħ mill-vantaġġi li jgħib miegħu l-użu ta' vetturi mikrija. Dik id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri jirrestrinġu l-użu mill-impriżi stabbiliti fit-territorji rispettivi ta' vetturi mikrija b'piż mgħobbi permissibbli massimu ta' mhux aktar minn sitt tunnelli għal operazzjonijiet tat-trasport f'isimhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jippermettu l-użu ta' vettura mikrija fuq it-territorji rispettivi ta' vettura jekk il-vettura tkun ġiet irreġistrata jew tkun iddaħħlet fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih tkun stabbilita l-impriża li tikri l-vettura.
- (4) Sabiex l-impriżi jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod aħjar mill-vantaġġi tal-użu ta' vetturi mikrija, jenħtieġ li jkollhom il-possibilità li jużaw vetturi mikrija fi kwalunkwe Stat Membru, u mhux biss f'dak li fih ikunu stabbiliti. Dan kieku jagħmilha aktar faċli għalihom biex b'mod partikolari jlaħħqu maż-żieda fid-domanda temporanja jew staġjonali, tul perijodu qasir, jew biex jissostitwixxu vetturi difettużi jew bil-ħsara.
- (4a) Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jirrestrinġu fit-territorji rispettivi ta' vettura mikrija minn impriża stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, dment li l-vettura tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru u, jekk tkun vettura li teħtieġ kopja awtentika ċċertifikata tal-liċenzja tal-Komunità skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, tkun awtorizzata li tintuża mill-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża permezz ta' din il-kopja awtentika ċċertifikata.
- (4b) Sabiex tiġi ssimplifikata l-provvista ta' evidenza rilevanti, jenħtieġ li dokumenti f'forma elettronika jiġu rikonoxxuti bħala mezz kif tintwera konformità mad-Direttiva 2006/1/KE.

- (5) Il-livell ta' tassazzjoni fuq it-trasport bit-triq għadu jvarja b' mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri tal-Unjoni. Għaldaqstant, ċerti restrizzjonijiet, li jaffettwaw ukoll b' mod indirett il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-kiri ta' vetturi, jibqgħu ġustifikati sabiex jiġu evitati distorsjonijiet fiskali. Bħala riżultat ta' dan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jillimitaw it-tul ta' żmien li fih l-impriżi stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom jistgħu jużaw vettura mikrija rreġistrata jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni fi [...] Stat Membru ieħor. Jenħtieġ li huma jitħallew jillimitaw l-għadd ta' tali vetturi li jinkrew minn impriża stabbilita. Jenħtieġ li dak il-limitu ma jkunx inqas minn ċertu sehem tal-għadd ta' vetturi għad-dispożizzjoni tal-impriża kkalkulat mingħajr vetturi mikrija fi Stat Membru ieħor u mhux irreġistrati fl-Istat Membru tal-istabbiliment tal-impriża.
- (5a) Sabiex jittejjeb l-infurzar ta' restrizzjoni fuq l-użu ta' vettura mikrija li tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni f'konformità mal-liġijiet ta' Stat Membru għajr dak li fih tkun stabbilita l-impriża li tikri, jenħtieġ li Stat Membru jitħalla jitlob li t-tul tal-kuntratt tal-kiri ma jaqbix it-tul ta' żmien permess għall-użu tal-vettura kkonċernata. Barra minn hekk, il-validità tal-kopji awtentiċi ċċertifikati tal-liċenzja tal-Komunità maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tista' tkun limitata għall-perijodu li jikkorrispondi mat-tul tal-kuntratt tal-kiri. Barra minn hekk, in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura mikrija jista' jkun indikat fuq dawn il-kopji awtentiċi ċċertifikati.

- (5b) Jenħtieġ li ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi mikrija ma tkunx ta' xkiel għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-legalità tal-operazzjonijiet li jsiru mill-operaturi fl-Istati Membri għajr l-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Skont ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, ir-reġistri elettroniċi nazzjonali jrid ikun fihom in-numri tar-reġistrazzjoni tal-vetturi għad-dispożizzjoni ta' impriża tat-trasport bit-triq. Jenħtieġ li din l-informazzjoni tkopri wkoll vetturi mikrija fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża. Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jipprevedi wkoll l-aċċessibbiltà għad-data li tinsab fir-reġistri nazzjonali elettroniċi mill-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra; jenħtieġ li r-reġistri nazzjonali elettroniċi jippermettu tfittxija mmirata fir-rigward tal-vetturi b'numru ta' reġistrazzjoni għajr dawk maħruġa mill-Istat Membru ta' stabbiliment.
- (5c) Sabiex jiġi żgurati li l-obbligu li tingħata informazzjoni dwar in-numru ta' reġistrazzjoni ta' vettura mikrija fir-reġistru elettroniku nazzjonali jiġi rrispettat b'mod uniformi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni relatati mar-rekwiżiti minimi għad-data li għandha tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.
- (6) Sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport f'isimhom jitwettqu b'mod aktar effiċjenti, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jitħallewx jirrestrinġu l-possibbiltà li vetturi mikrija jintużaw għal operazzjonijiet ta' dan it-tip. Madankollu, biex jiġu evitati kwistjonijiet fiskali potenzjali, jenħtieġ li tinżamm din il-possibbiltà jekk il-vettura tkun irreġistrata barra mill-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża li tużaha.

⁶ Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51). [Ir-referenza tinkludi l-aħħar emendi mir-Regolament (UE) 2020/1055, il-Pakkett dwar il-Mobbiltà I.]

⁷ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (7) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni u l-effetti [...] tad-Direttiva 2006/1/KE jiġu mmonitorjati mill-Kummissjoni u ddokumentati minnha f'rapport. Jenħtieġ li dak ir-rapport jagħti attenzjoni speċjali għal jekk id-Direttiva 2006/1/KE kif emendata b'din id-Direttiva rriżultatx fl-użu akbar ta' vetturi eqdem jew ta' ċerti tipi ta' vetturi u jekk b'hekk kellhiex effett fuq is-sikurezza fit-toroq, jekk ħolqotx diffikultajiet b'rabta mal-infurzar, inkluż l-infurzar tar-regoli dwar il-kabotaġġ, u għall-effetti fuq id-dħul mit-taxxa tal-Istati Membri. Il-kompilazzjoni ta' dak ir-rapport tkun iffaċilitata billi l-Istati Membri jipprovdu, fuq bażi volontarja, informazzjoni rilevanti dwar id-dħul mit-taxxa lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li kull azzjoni futura f'dan il-qasam tiġi kkunsidrata fid-dawl ta' dak ir-rapport.
- (8) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri [...] iżda pjuttost jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, minħabba n-natura transfruntiera tat-trasport bit-triq u l-kwistjonijiet li din id-Direttiva ġiet maħsuba biex tindirizza, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif jinsab fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif jinsab f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (9) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Direttiva 2006/1/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2006/1/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

“Kull Stat Membru għandu jippermetti li fit-territorju tiegħu jintużaw vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor sakemm:”;

(ii) il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) il-vettura tkun reġistrata jew tiddaħħal fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' [...] kwalunkwe Stat Membru u użata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009 u (KE) Nru. 1072/2009 fl-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża li tkun qed tużaha, fejn applikabbli.";

(b) fil-paragrafu 2, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Għandha tingħata prova tal-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (d) bid-dokumenti li ġejjin, li jridu jkunu abbord il-vettura u li għandhom jiġu ppreżentati f'forma stampata jew elettronika:";

(2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-impriżi stabbiliti fit-territorji rispettivi tagħhom ikunu jistgħu jużaw vetturi mikrija għat-trasport tal-merkanzija bit-triq taħt l-istess kundizzjonijiet applikabbli għall-vetturi li jkunu proprjetà tagħhom, sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2.
2. Meta l-vettura mikrija tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża jista':
 - a) jillimita ż-żmien tal-użu ta' tali vetturi fit-territorju rispettiv tiegħu dment li jippermetti l-użu tal-vettura mikrija mill-istess impriża għal perijodu ta' 30 jum konsekuttiv fi kwalunkwe sena kalendarja partikolari; f'dak il-każ, jista' jkun meħtieġ li l-kuntratt tal-kiri ma jdumx aktar mil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Istat Membru;
 - b) jillimita l-għadd ta' tali vetturi li jistgħu jintużaw minn impriża dment li jippermetti l-użu ta' għadd minimu ta' vetturi. Dan l-għadd minimu għandu jkun tal-inqas 25 % tal-flotta tal-vetturi tal-merkanzija għad-dispożizzjoni tal-impriża skont il-punt (g) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel l-użu tal-vettura mikrija jew inkella fil-jum meta l-impriża tibda tuża l-vettura mikrija, kif determinat mill-Istat Membru. F'każ li impriża jkollha flotta ġenerali ta' aktar minn vettura waħda u inqas minn erba' vetturi, għandu jkun permess l-użu ta' mill-inqas waħda minn tali vetturi mikrija. Is-sehem minimu skont dan il-punt jirreferi għall-flotta tal-vetturi tal-merkanzija għad-dispożizzjoni tal-impriża abbażi tal-vetturi rreġistrati jew imqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' dak l-Istat Membru;
 - c) jillimita l-użu ta' tali vetturi għal operazzjonijiet ta' trasport f'isem daww il-vetturi."

(2a) jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

“Artikolu 3a

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li n-numru tar-reġistrazzjoni ta' vettura mikrija għad-dispożizzjoni ta' impriża tat-trasport bit-triq li għaliha japplika r-Regolament (KE) Nru 1071/2009, meta din il-vettura tkun irreġistrata jew titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni skont il-liġijiet ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża li tikri l-vettura, jiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali msemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009.

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ipproċessar tad-data msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jikkonforma mar-rekwiżiti għall-informazzjoni msemmijin fil-punt (g) tal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 kif speċifikat fis-subparagrafi 3 u 5 tal-Artikolu 16(2), u fl-Artikolu 16(3) u (4) ta' dak ir-Regolament.

2. Mhux aktar tard minn 14-il xahar wara l-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni dwar formula komuni għall-kejl tar-riskju kif imsemmi fis-subparagrafu 2 tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta r-rekwiżiti minimi għad-data li għandha tiddaħħal fir-reġistru elettroniku nazzjonali sabiex tiffaċilita l-interkonnnessjoni tar-reġistri, u tispeċifika l-funzjonalitajiet li jippermettu li din l-informazzjoni ssir disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti matul il-kontrolli mal-ġenb tat-triq. Dawk ir-rekwiżiti minimi u l-funzjonalitajiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti u l-funzjonalitajiet stabbiliti skont l-Artikolu 16(6) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 5b(2).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data msemmija fl-ewwel paragrafu tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti waqt il-kontrolli mal-ġenb tat-triq.";

* Id-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta Marzu 2006 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u (KEE) Nru 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35).";

(3) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 5a

Sa [ħames snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva msemmija fl-Artikolu 2(1) ta' din id-Direttiva emendatorja], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-effetti ta' din id-Direttiva. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-użu tal-vetturi mikrija fi Stat Membru li ma jkunx dak li fih tkun stabbilita l-impriża li tikri l-vettura. Dak ir-rapport għandu jeżamina wkoll l-impatti fuq is-sikurezza fit-toroq, fuq id-dħul mit-taxxa u fuq l-infurzar tar-regoli dwar il-kabotaġġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009. Abbażi ta' [...] dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tivvaluta huwiex meħtieġ li jiġu proposti miżuri addizzjonali.

Artikolu 5b

Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.

Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**.

* Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

** Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)."

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-21 ta' Awwissu 2023⁸.

Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

⁸ [Nota: Tikkorrispondi għal 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament 2020/1055.]

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew *Għall-Kunsill*

Il-President *Il-President*
